**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tnejn, 19 ta' Diċembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 657/2022**

***REPUBBLIKA***

***VS.***

***L-AVUKAT ĠENERALI***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet dwar rikors imressaq minn Antoniella Gauċi fis-**6 ta' Diċembru, 2022** sabiex hija titħalla tappella minn digriet mogħti minn din il-qorti fil-25 ta' Novembru, 2022, li permezz tiegħu ġiet miċħuda talba tagħha biex tintervjeni f'din il-kawża. Barra minn hekk, hija talbet ukoll li dan ir-rikors għandu jiġi meqjus b'urġenza;

2. Repubblika ma weġbitx bil-miktub għal dan ir-rikors iżda ressqet sottomissjonijiet bil-fomm waqt is-seduta miżmuma fid-19 ta' Diċembru, 2022. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali ħalliet f'idejn il-qorti dwar kif għandu jiġi deċiż dan ir-rikors;

3. Illi l-**ewwel talba** ta' Antoniella Gauċi biex dan ir-rikors jinstema' b'urġenza qed tintlaqa'. Fil-fatt inżamm smigħ fid-19 ta' Diċembru, 2022 u wara li l-qorti semgħet dak li kellhom xi jgħidu l-partijiet, il-qorti pposponiet il-kawża biex aktar tard jingħata dan id-digriet tal-lum;

4. Dwar it-**<u>tieni talba</u>**, *viz*. jekk din il-qorti għandhiex tagħti lil Antoniella Gauċi d-dritt li tappella mid-digriet mogħti fil-25 ta' Novembru, 2022, jissokta jingħad li bil-liġi, il-kwistjoni marbuta ma' appelli minn digrieti tinsab regolata bl-**artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Jekk wieħed jifli sew dan l-artikolu, wieħed isib li dan l-artikolu jirregola tliet kategoriji differenti: (i) digrieti li ma jistax isir appell minnhom ħlief flimkien ma' appell mis-sentenza finali; (ii) digrieti li jista' jsir appell minnhom mill-ewwel mingħajr il-permess tal-qorti, anke jekk ma tkunx għadha ngħatat is-sentenza finali; u (iii) digrieti li jistgħu jiġu appellati qabel is-sentenza finali, jekk jinkiseb il-permess speċjali mill-ewwel qorti (ara f'dan is-sens ***Go p.l.c. v. Natalino Żammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2015);

6. Id-digrieti li jaqgħu fl-<u>ewwel kategorija</u> (i.e. dawk li ma jistgħux jiġu appellati ħlief mas-sentenza finali) huma mniżżla speċifikatament fl-**artikolu 229(1)** tal-**Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, filwaqt li digrieti li jaqgħu fit-<u>tieni kategorija</u> (i.e. dawk li jistgħu jiġu appellati mill-ewwel qabel is-sentenza mingħajr permess tal-ewwel qorti) huma mniżżla speċifikatament fl-**artikolu 229(2)** tal-**Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Kull digriet interlokutorju ieħor li ma jinsabx imniżżel fil-listi provduti fl-**artikolu 229(1)** u **(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jista' jiġi appellat biss, jekk kemm-il darba min ikun irid jappella minn dak id-digriet jikseb permess speċjali mill-ewwel qorti. Ifisser għalhekk li digrieti li jaqgħu f'din it-<u>tielet kategorija</u> jistgħu jiġu appellati biss qabel is-sentenza finali, jekk l-ewwel qorti taċċetta li jista' jsir tali appell (ara **artikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

7. Issa fil-każ tagħna, id-digriet dwar iċ-ċaħda għall-intervent mhuwiex wieħed minn dawk id-digrieti li jissemmew fl-**artikolu 229(1)** u **(2)** tal-**Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk dan id-digriet la jaqa' fl-ewwel u lanqas fit-tieni kategorija ta' digrieti fuq imsemmija. Mill-banda l-oħra, din il-qorti tqis li dan id-digriet dwar iċ-ċaħda għall-intervent, huwa wieħed ta' sura interlokutorja għaliex permezz tiegħu ġiet indirizzata

kwistjoni ta’ għamla proċedurali qabel ma tingħata s-sentenza finali fuq il-mertu aktar ‘il quddiem;

8. Li trid tara l-qorti għalhekk huwa jekk hija għandhiex tagħti l-permess tagħha biex isir appell mid-digriet tagħha jew le;

9. Il-liġi titlob fl-**artikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** li min qiegħed jitlob permess biex jappella, irid jikkonvinċi u jipperswadi lill-ewwel qorti li fl-aħjar interess tal-ġustizzja hemm raġuni tajba għaliex l-appell għandu jitħalla jsir mill-ewwel qabel ma tingħata s-sentenza definittiva. L-irwol tal-qorti għalhekk skont dan l-artikolu mhuwiex li tkun bħal speċi ta’ timbru, fejn għandha dejjem tagħti l-permess tagħha biex isir appell;

10. Naturalment hi u tqis talba biex jingħata permess għall-appell, il-qorti m’għandhiex tiddarras jew teħodha kontra dak li qed jitlob li jagħmel l-appell għar-raġuni biss li huwa ma jkunx qiegħed jaqbel mad-digriet tagħha. Min-naħa l-oħra, l-istess qorti lanqas m’għandha taqbad u tagħti l-permess tagħha b’mod awtomatiku biex ma tidhirx kerha ma’ dak li jkun. Tassew la l-liġi titfa’ l-piż fuq il-qorti stess li tkun tat id-digriet biex tiddeċiedi jekk għandux jitħalla jsir appell jew le, allura dik il-qorti għandha żżomm ruħha oġġettiva u tinqeda bid-diskrezzjoni għaqlija u newtrali tagħha biex tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ikunx jaħbat aħjar li l-kwistjoni tiġi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Appell jew le. Hi u tagħmel l-għarbiel responsabbli tagħha, il-qorti trid iżżomm f’moħħha mhux biss l-interessi tal-partijiet involuti fil-każ iżda trid iżżomm f’moħħha wkoll anke l-interessi tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja b’mod ġenerali għaliex huwa magħruf li l-Qorti tal-Appell hija mgħobbija b’ħafna appelli;

11. Illi biex il-qorti tkun tista’ twettaq din id-diskrezzjoni tagħha b’mod xieraq, min qiegħed jitlob il-permess li jappella minn digriet tagħha m’għandux jippretendi li huwa jista’ jikseb tali permess mingħajr ma jiġġustifika t-talba tiegħu. Mod ieħor min jixtieq jingħata l-permess biex jappella jrid jispjega għaliex ikun aħjar li l-appell għandu jsir qabel is-sentenza finali u mhux wara;

12. Dan jista' jintwera billi pereżempju dak li jkun juri li d-digriet inkwistjoni ikun jolqot xi punt legali tekniku li huwa tant diffiċli jew innovattiv li jkun jixraq l-intervent mill-ewwel tal-Qorti tal-Appell; jew li dak id-digriet ikun aħjar li jiġi appellat mill-ewwel minħabba li jkun hemm allegazzjoni serja (u mhux fiergħa) li biż-żamma ta' dak id-digriet, parti tkun x'aktarx sejra ġġarrab xi preġudizzju serju fil-proċeduri; jew inkella jekk jintwera għas-sodisfazzjon tal-ewwel qorti li hemm aggravji tajbin kontra dak id-digriet li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell tbiddel jew tħassar dak id-digriet;

13. Illi fil-każ tagħna, Antoniella Gauċi tibda billi tgħid fir-rikors tagħha biex tikseb permess għall-appell li, «*ovvjament l-esponent mhijiex ser tidħol f'dawk li huma l-gravami kontra d-digriet suriferit peress illi dak huwa stadju rimess għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Appell.»*;

14. Din l-istqarrija ta' Antoniella Gauċi ma tantx tgħinha biex hija tista' tikseb il-permess biex tappella mid-digriet tal-25 ta' Novembru, 2022. Dan għaliex biex tikseb il-permess għall-appell hija trid tikkonvinċi lil din il-qorti li hija għandha argument biex turi li d-digriet li ngħata minn din il-qorti seta' kien wieħed ħażin. Antoniella Gauċi iżda ma ressqet l-ebda argument fir-rikors tagħha biex turi għaliex ir-raġunament mogħti minn din il-qorti fid-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2022 kien wieħed żbaljat jew kien wieħed li kellu mnejn jiġi mibdul mill-Qorti tal-Appell. Fin-nuqqas ta' motivazzjoni xierqa għaliex id-digriet huwa ħażin, il-qorti qajla tista' tifhem kif hija tista' taqbad u tagħti lil Antoniella Gauċi d-dritt li tappella minn dan id-digriet;

15. Antoniella Gauċi iżda żżid fir-rikors tagħha li hija għandha tikseb il-jedd li tappella għaliex il-punt tal-intervent huwa wieħed ġdid għaliex ingħata fil-kuntest ta' proċeduri taħt l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

16. Għalkemm huwa minnu li dan l-artikolu tal-liġi daħal fis-seħħ reċentement u li din il-kawża hija waħda minn tal-bidu illi saret fuq dan l-artikolu, madankollu l-qorti ma tħossx li l-kunċett dwar l-intervent ta' parti f'kawża huwa xi punt ġdid jew novell. Il-

prinċipji li jsawru l-kunċett tal-intervent f'kawża ġew mistħarrġa minn dawn il-qrati bosta drabi;

17. Terġa' u tgħid, din il-qorti tqis li fid-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2022 hija ma qalet xejn innovattiv jew ġdid. Meta din il-qorti qalet li Antoniella Gauċi ma kellhiex interess tintervjeni f'din il-kawża hija semmiet ukoll prinċipji li ħarġu mis-sentenza ***Anthony Buġeja v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 2014;

18. Barra minn din is-sentenza, il-qorti tirreferi wkoll għas-sentenza ***Adrian Busietta v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2006 fejn ingħad li fi proċeduri ta' sfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija taħt l-**artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali**, il-qorti ma tistħarriġx il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna li dwarha jsir ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela u li f'kawża bħal din il-partijiet għandhom ikunu biss il-Kummissarju tal-Pulizija u min ikun qed jisfidah għax ma ħarrikx. Fl-għoti ta' ordni mill-qorti taħt l-imsemmi artikolu, ma jsir l-ebda apprezzament dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna kwerelata, denunzjata jew rapportata: l-ordni tkun biss biex il-Pulizija tmexxi skont ir-rapport, denunzja jew il-kwerela li tkun saritilha. Minħabba f'hekk il-parti kwerelata jew denunzjata m'għandhiex għalfejn tkun parti f'dawk il-proċeduri;

19. Fil-fehma ta' din il-qorti, dan l-istess xiber għandu jintuża wkoll għall-proċedura taħt l-**artikolu 469B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** fejn l-istħarriġ ġudizzjarju jkun qiegħed jintalab dwar deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni. F'kawża bħal din, il-qorti ma tkunx qiegħda tiddeċiedi jekk il-persuna investigata tkunx ħatja ta' xi reat jew le iżda tkun qiegħda tqis biss jekk l-Avukat Ġenerali jkunx eżerċita l-funzjoni tiegħu sew meta ddeċieda li ma jmexxix bil-prosekuzzjoni kontra xi ħadd;

20. Għalhekk din il-qorti ma taqbilx ma' Antoniella Gauċi li fit-talba għall-intervent tagħha tqajjem xi punt daqshekk innovattiv li jixraqlu li jkun mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell f'dan l-istadju, meta l-proċeduri għadhom ma ntemmux;

21. Fir-risposta tagħha, Antoniella Gauċi tixli wkoll lil din il-qorti li qajmet eċċezzjoni *ex officio* bla ma tatha l-jedd li tiddefendi ruħha;

22. Il-qorti iżda temmen b'kuxjenza safja li hi ma qajmet l-ebda eċċezzjoni *ex officio* b'rabta man-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Antoniella Gauċi biex tintervjeni f'din il-kawża;

23. Il-ħtieġa tal-interess huwa element mitlub skont l-**artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li Antoniella Gauċi riedet turi biex tikkonvinċi lil din il-qorti biex tħalliha tidħol f'din il-kawża. Fi kliem ieħor, biex din il-qorti setgħet tiddeċiedi r-rikors għall-intervent hija bilfors riedet tqis jekk Antoniella Gauċi kellhiex interess ġuridiku jew le. Ma tgħidx sew għalhekk Antoniella Gauċi li din il-qorti qajmet xi eċċezzjoni minn jeddha. Anzi din il-qorti kienet marbuta illi tidħol fuq l-element tal-interess ġuridiku;

24. Issa jekk Antoniella Gauċi ma qablitx ma' kif il-qorti għarblet dan l-element tal-interess ġuridiku f'dan il-każ hija kwistjoni oħra. Żgur però, Antoniella Gauċi la setgħet teħodha bħala fatta li din il-qorti kienet bilfors ser taqbel magħha li hija kellha l-interess ġuridiku meħtieġ biex tieħu sehem f'din il-kawża u lanqas ma tista' tgħid li hija ġiet maħsuda bil-fatt li l-qorti daħlet fuq l-element tal-interess ġuridiku;

25. Antoniella Gauċi wkoll mhijiex siewja meta tilmenta mill-fatt li din il-qorti ma semgħetx x'kellhom xi jgħidu Repubblika u l-Avukat Ġenerali dwar it-talba tagħha għall-intervent. Ibda biex l-**artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** mkien ma jitlob li rikors għall-intervent għandu jiġi notifikat lill-partijiet oriġinali fil-kawża jew li rikors bħal dan għandu jiġi appuntat għas-smigħ. Mod ieħor, dak li jgħid dan l-artikolu huwa biss: li min jixtieq jintervjeni fil-kawża għandu jressaq rikors, li permezz tiegħu jissodisfa lill-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra. F'dan il-każ, Antoniella Gauċi mill-ewwel ma rnexxilhiex bir-rikors tagħha tikkonvinċi lil din il-qorti li hija kellha interess biex tidħol fil-kawża li hemm għaddejja bejn Repubblika u l-Avukat Ġenerali. Din il-qorti għalhekk ma kellhiex għalfejn

toqgħod tinnotifika dan ir-rikors lill-partijiet oriġinali fil-kawża. Wara kollox skont il-liġi, Antoniella Gauċi kellha bżonn tissodisfa lil din il-qorti biss u mhux ukoll lill-partijiet oriġinali fil-kawża, dwar l-interess tagħha biex tidħol f'din il-kawża;

26. Sfiq ma' dan, din il-qorti lanqas ma taqbel ma' Antoniella Gauċi li hi ma kellhiex l-opportunità tgħid tagħha dwar l-interess li kellha biex titħalla tidħol f'dawn il-proċeduri. Din l-opportunità kienet mogħtija lilha fir-rikors tagħha li ressqet fl-24 ta' Novembru, 2022 meta talbet għall-intervent. Il-liġi stess tgħid fl-**artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li min iressaq rikors għall-intervent irid jissodisfa lill-qorti li huwa għandu interess biex jidħol fil-kawża. Jiġi b'hekk, li dak li Antoniella Gauċi kellha xi tgħid b'rabta mal-interess tagħha, hi kellha tgħidu fir-rikors tagħha u mhux tippretendi li din il-qorti toqgħod tappunta r-rikors tagħha għas-smigħ biex tisma' sottomissjonijiet oħra jew miżjuda;

27. Hekk ukoll, din il-qorti lanqas ma taqbel ma' Antoniella Gauċi li jekk din il-qorti ma tagħtihiex il-permess biex tappella f'dan l-istadju hija ma tkunx tista' tappella mis-sentenza finali. Jekk tkun trid Antoniella Gauċi dejjem ħa jkollha l-jedd tappella mid-digriet tal-25 ta' Novembru, 2022 wara li tingħata s-sentenza finali f'dawn il-proċeduri u dejjem ħa jkollha l-jedd li tappella mis-sentenza finali skont l-**artikolu 236 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jekk turi li għandha interess biex tappella;

28. Fl-aħħar nett din il-qorti ma tarax li Antoniella Gauċi sejra tbati minn xi ħsara jekk din il-kawża titkompla mingħajrha għaliex f'din il-kawża la sejrin jiġu maqtugħa xi akkużi kriminali kontriha, wisq anqas sejrin jiġu deċiżi xi jeddijiet jew obbligi ċivili tagħha;

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-qorti qiegħda tiddeċiedi r-rikors ta' Antoniella Gauċi mressaq fil-5 ta' Diċembru, 2022, billi:

i. <u>**Tilqa'**</u> l-ewwel talba biex tqis dan ir-rikors bl-urġenza, kif fil-fatt għamlet; u

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni talba peress li ma nġabux raġunijiet fejjieda għaliex għandu jingħata permess biex isir appell mid-digriet tal-25 ta' Novembru, 2022 f'dan l-istadju, qabel l-għoti tas-sentenza finali.

L-ispejjeż marbuta ma' dan ir-rikors għandhom jitħallsu minn Antoniella Gauċi.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Anne Xuereb**
**Deputat Reġistratur**